MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 882/1998/1

**John Baptist Micallef u martu Margaret Micallef**

**vs**

**Direttur Generali ta` l-Edukazzjoni**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi kienu dahlu f`kuntratt ta` gestjoni ta' "school tuck shop" izda huwa ma komplewx il-kuntratt u ghalhekk sar ix-xoljiment tieghu b`revoka tad-dritt tal-imsemmi konvenut ghal bilanc;

Illi wara ittra ufficjali datata 22 ta` Mejju 1996 l-kovenut b`mandat ta` qbid numru 5197/97 qed jitlob l-bejgh in

subbasta ta oggetti maqbuda minn darhom u dan abbazi ta` l-allegazzjoni li ghandhom jiehdu s-somma ta elfejn, erba mija u wiehed u ghoxrin lira (Lm2421) bhala bilanc fuq l-imsemmi kuntratt izda dan ma huwiex verament dovut;

Illi b`ittra ufficjali datata Ottubru 1997 l-atturi interpellaw lill-konvenut sabiex dan jiehu hsieb jirrevoka l-mandat hawn fuq imsemmi izda dan baqa` inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti ma ghandiex:

1. l-ewwel tiddikjara li l-kuntratt ta` gestjoni ta` "school tuck shop" gie revokat u l-konvenut ma ghandux jiehu ebda somma ta flus kontra l-atturi;

2. t-tieni tiddikjara konsegwentement null u inapplikabbli l-mandat ta` qbid numru 5197/97;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament il-proceduri ntavolati mill-atturi huma nulli stante li ma gewx osservati t-termini ta` l-artikolu 460 tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili u cioe` li: “….. ebda procedimenti ma jistghu jinbdew … kontra l-Gvern ….. hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern ta` ittra ufficjali jew ta` protest li fih il-pretensjoni jew it-talba jigu mfissra b`mod car…..”;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghar-ragunijiet sussegwenti:

Illi relattivament rigward l-ewwel tabla attrici, ma kien hemm ebda revoka tal-kuntratt ghall-gestjoni tat-“tuck shop” ta` l-iskola tal-Hamrun stante li l-atturi operaw l-imsemmi “tuck shop” matul is-sena skolastika 1990/91 bejn it-13 ta` Novembru, 1990 u l-11 ta` Lulju, 1991 (Dok B1 u Dok B2);

Illi konsegwentement, rigward it-tieni talba attrici, il-mandat ta` qbid numru 5197/97 ghadu jibqa` in vigore;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat id-decizjoni ta’ din il-qorti (diversament presjeduta) tat-8 ta’ Lulju 1999 li biha l-konvenut gie ammess jippresenta nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut fejn gie eccepit :

Illi din ic-citazzjoni ta` l-atturi hija inammissibi stante li l-Mandat ta` Qbid numru 5197/97 kien mahrug a bazi ta` titolu ezekuttiv miksub bl-ittra ufficjali tat-22 ta` Mejju 1996 ai termini ta` l-Art 466 liema ittra u mandat ma kienux kontestati fiz-zmien li titlob il-ligi u ghalhekk illum dan il-mandat ma jistax jigi kontestat aktar;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet lill-attrici u lix-xhud prodott mill-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2001 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni ulterjuri;

Ikkonsidrat:

Bil-presenti qed tigi deciza biss l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut. B'din l-eccezzjoni qed jigi sottomess li din l-azzjoni mhux ammissibli peress li l-hrug tal-mandat ta` qbid in kwestjoni (numru 5197/97) gie ottjenut a bazi ta` titolu ezekuttiv wara li giet presentata da parti tal-konvenut l-ittra ufficjali tat-22 ta` Mejju 1996 u dana ai termini ta` l-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - Kapitolu 12. L-imsemmija ittra ufficjali u l-imsemmi mandat ma gewx kontestati fiz-zmien li titlob il-ligi u ghalhekk illum dan il-mandat ma jistax jigi kontestat aktar;

Jirrizulta li d-Direttur Generali tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ddikjara, bil-gurament, li l-atturi, John Baptist Micallef u Margaret Micallef, huma debituri tal-Gvern ta' Malta fis-somma ta' elfejn, erba mija wiehed u ghoxrin liri maltin, tmien centezmi u seba millezmi (Lm2421.08,7), somma dovuta bhala hlas ta' kera ghat-tmexxija tat-"tuck shop" fl-iskola Dun Guzepp Zammit (Brighella), Hamrun, matul is-sena skolastika 1990/1991;

Ghal finijiet tal-provedimenti tal-artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili din id-dikjarazzjoni giet notifikata lill-atturi permezz ta' ittra ufficjali presentata fit-22 ta' Mejju 1996. Jirrizulta li l-imsemmija ittra ufficjali giet notifikata lill-istess atturi fis-27 ta' Mejju 1996;

Jirrizulta inoltre li f’Ottubru 1997, a bazi tal-imsemmija ittra ufficjali, d-Direttur Generali ta' l-Edukazzjoni ottjena kontra l-atturi l-hrug ta' mandat ta' qbid esekuttiv (mandat numru 5197/97). Dan il-mandat gie esegwit u gew elevati xi oggetti. L-istess Direttur Generali pproceda sabiex l-imsemmija oggetti elevati jigu mibjugha bis-sub-asta. B'digriet tal-qorti kompetenti tat-3 ta' Marzu 1998 gie appuntat il-jum tas-6 ta' Mejju 1998 ghall-bejgh tal-imsemmija oggetti;

L-atturi ntavolaw il-presenti citazzjoni fid-29 ta' April 1998, u cioe' wara li nghata d-digriet li bih giet appuntata s-sub-asta. L-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li l-kuntratt ta` gestjoni ta` "school tuck shop" in kwestjoni gie revokat u l-konvenut ma ghandux jiehu ebda somma ta flus fil-konfront tal-atturi u konsegwentement li jigi dikjarat li l-imsemmi mandat ta` qbid numru 5197/97 hu null u inapplikabbli;

Is-sub-artikolu (1) tal-imsemmi artikolu 466 jipprovdi li meta kap ta' Dipartiment tal-Gvern irid jagixxi ghall-hlas ta' kreditu huwa jista jghamel dikjarazzjoni mahlufa fejn ghandu jindika x-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u ghandu jikkonferma li l-istess debitu hu dovut. Is-sub-artikolu (2) jistipula li meta din id-dikjarazzjoni tigi notifikata lid-debitur permezz ta' att gudizzjarju din ghandha jkollha l-effett ta' gudikat tal-qorti kompetenti. Id-debitur pero' ghandu ghoxrin (20) jum min-notifika sabiex jopponi t-talba kontenuta fl-imsemmija dikjarazzjoni u dana b'rikors bit-talba li jigi dikjarat li l-istess talba kif kontenuta fid-dikjarazzjoni hi wahda infondata;

Fil-kaz presenti jirrizulta li saret id-dikjarazzjoni, ai termini tal-imsemmija provedimenti tal-ligi, u li din giet notifikata lill-atturi, bhala d-debituri, permezz ta' ittra ufficjali. Peress li l-imsemmija debituri ma kkontestawx id-dikjarazzjoni, dejjem skond il-provedimenti tal-ligi gia indikati, l-istess dikjarazzjoni ghadha bejn il-partijiet l-istess effett ta' gudikat tal-qorti kompetenti;

L-artikolu 467(1) tal-istess kodici jipprovdi l-mezz kif id-debitur jista jikkontesta xi titolu esekuttiv li jkun konsekwenzjali ghall-proceduri fuq indikati. Tali kontestazzjoni tista ssir b'talba permezz ta' citazzjoni li ghandha tigi presentata fi zmien ghoxrin (20) jum mill-ewwel notifika lid-debitur ta' xi mandat esekuttiv imsejjes

fuq l-istess titolu. F’dan ir-rigward ukoll jirrizulta li d-debituri, cioe l-atturi f’dawn il-proceduri, naqsu li jghamlu tali kontestazzjoni. L-istess artikolu 467 fis-sub-aretikolu (2) jipprovdi li ebda opposizzjoni, ad eccezzjoni ta’ dawk gia indikati, ma ghandha twaqqaf il-hrug jew l-esekuzzjoni ta xi att esekuttiv jew il-bejgh bl-irkant li jsiru bi prosegwiment ta' dak l-istess att;

Dawn il-provedimenti huma pjuttost cari u ghalhekk, peress li l-atturi naqsu li jikkontesta l-varji atti li saru mill-konvenut bhala konsegwenza tad-dikjarazzjoni tieghu fuq indikata, l-istess atturi issa ma jistghgux jipprocedu b’din ic-citazzjoni. B’hekk l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut ghandha tigi akkolta u konsegwentement it-talbiet kollha tal-atturi ghandhom jigu michuda. Jigi rilevat inoltre li, ai termini tal-provedimenti indikati, hemm gudikat bejn il-partijiet u ghalhekk ma jistax jigi kontestat li l-atturi huma debitui tal-konvenut ghas-somma indikata fid-dikjarazzjoni in kwestjoni;

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi tilqa l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenut u tiddikjara, ghar-ragunijiet mghotija, li din ic-citazzjoni ta` l-atturi hija inammissibi u konsegwentement tichad it-talbiet kollha tal-atturi;

Spejjez kollha kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------